II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/29

tal-14 ta' Jannar 2020

dwar in-nonapprovazzjoni tat-tannini tal-friegħi tal-*Vitis vinifera* bħala sustanza bażika skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 23(5) flimkien mal-Artikolu 13(2) tiegħu,

Billi:

(1) Fit-30 ta' Ġunju 2017, il-Kummissjoni rċeviet applikazzjoni mingħand Biomolécules et Biotechnologies Végétales (BBV) EA2106 u l-Institut Technique de l'Agriculture Biologique (ITAB) għall-approvazzjoni tat-tannini tal-friegħi tal-*Vitis vinifera* bħala sustanza bażika. Dik l-applikazzjoni kellha magħha l-informazzjoni meħtieġa skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 23(3) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

(2) Il-Kummissjoni talbet lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") għall-għajnuna xjentifika. Fit-2 ta' Mejju 2018, l-Awtorità ppreżentat lill-Kummissjoni b'rapport tekniku dwar it-tannini tal-friegħi tal-*Vitis vinifera* ([2]). Fl-24 ta' Ġunju 2019, il-Kummissjoni ppreżentat ir-rapport ta' reviżjoni ([3]) u l-abbozz ta' dan ir-Regolament dwar in-nonapprovazzjoni tat-tannini tal-friegħi tal-*Vitis vinifera* lill-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf, u ffinalizzathom għal-laqgħa ta' dak il-Kumitat fit-22 ta' Ottubru 2019.

(3) Id-dokumentazzjoni ppreżentata mill-applikanti ma turix li t-tannini tal-friegħi tal-*Vitis vinifera* jissodisfaw il-kriterji ta' oġġett tal-ikel kif iddefinit fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]).

(4) Madankollu fir-rapport tekniku tal-Awtorità ġew identifikati tħassibiet speċifiċi dwar it-tannini tal-friegħi tal-*Vitis vinifera*. L-ebda valutazzjoni tossikoloġika ma kienet disponibbli għat-tannini tal-friegħi tal-*Vitis vinifera* li jintużaw bħala prodott għall-protezzjoni tal-pjanti, speċjalment fir-rigward tal-protezzjoni tat-tfal. Dan japplika għall-istima tal-valutazzjoni tar-riskju tal-esponiment mhux djetetiku, b'mod partikolari l-persuni fil-qrib u r-residenti. Barra minn hekk, ma kienx hemm biżżejjed informazzjoni biex issir valutazzjoni tar-riskju ambjentali għas-sustanza.

(5) Ma saret disponibbli ebda evalwazzjoni, imwettqa skont il-leġiżlazzjoni l-oħra tal-Unjoni kif imsemmija fl-Artikolu 23(2) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

([1]) ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1.

([2]) EFSA (European Food Safety Authority), 2017. Technical report on the outcome of the consultation with Member States and EFSA on the basic substance application for *Vitis vinifera* cane tannins for use in plant protection as protectant and repellent. EFSA supporting publication 2018:EN-1414. 46 pp. doi: 10.2903/sp.efsa.2018.EN-1414.

([3]) https://ec.europa.eu/food/plant/pesticides/eu-pesticides-database/public/?event=activesubstance.selection&language=MT.

([3]) Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

(6) Il-Kummissjoni stiednet lill-applikanti jressqu l-kummenti tagħhom dwar ir-rapport tekniku tal-Awtorità u dwar l-abbozz tar-rapport ta' reviżjoni tal-Kummissjoni. L-applikanti ma ppreżentawx kummenti.

(7) B'riżultat ta' dan, kif stipulat fir-rapport ta' reviżjoni tal-Kummissjoni, ma ġiex stabbilit li r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 23 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 huma ssodisfati. Huwa għalhekk xieraq li t-tannini tal-friegħi tal-*Vitis vinifera* ma jiġux approvati bħala sustanza bażika.

(8) Dan ir-Regolament ma jippreġudikax is-sottomissjoni ta' applikazzjoni oħra għall-approvazzjoni tat-tannini tal-friegħi tal-*Vitis vinifera* bħala sustanza bażika skont l-Artikolu 23(3) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

(9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

It-tannini tal-friegħi tal-*Vitis vinifera* mhumiex approvati bħala sustanza bażika.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Jannar 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN